MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 50/2000/1

Rikors Nru: 50/00

Kummissarju ta' l-Art

vs

Silvio Debono u Paul Debono

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Art ipprezentat fid-19 ta' Ottubru, 2000 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 10' ta' Awissu 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Hal Far limiti ta' Birzebbugia tal-kejl ta' cirka erbgha mija tmienja u tletin metri kwadri (438mk), u tmiss mit-Tramuntana u mill-Lvant ma'

proprjeta' tal-Gvern u mill-Punent ma' proprjeta' ta' Debono Enterprises Ltd., huwa ta' sitt mija u sitta u sittin Lira Maltija (Lm660) kif jidher mir-rapport tal-perit Godwin Drago A&C.E. tad-disa' (9) ta' Novembru, 1999 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru, 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sitt elef Lira Maltija (Lm6,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)
Ra r-risposta pprezentata mill-intimati fejn esponew:

Illi Silvio Debono u Paul Debono waqt li jaghmlu referenza ghall-ittra ufficjali datata 10 ta' Awissu, 2000 fejn giet offruta s-somma ta' sitt mija u sittin lira (Lm660) bhala kumpens ghax-xiri b'titolu assolut ta' bicca art f'Hal Far B'Bugia ta' kejl ta' cirka erba' mija tmienja u tletin metri kwadri (438mk) skond stima tal-perit Godwin Drago javzawk ghall-effetti kollha tal-ligi li huma qeghdin jirrifjutaw din l-offerta ta' kumpens stante li fil-fehma taghhom dan ghandu jammonta ghas-somma minima ta' sitt elef lira (LM6,000) stante li l-art hija wahda fabbrikabbli b'permess validu ta' barriera tal-qawwi u permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut tas-6 ta' Gunju, 1998 l-art biswit tal-kejl ta' wiehed u disghin elf u mitejn u hamsin metri kwadri (91,250km) inbieghet mill-mittenti ghall-prezz ta' miljun u mitejn elf lira (Lm1,200,000) u b'hekk b'semplici kalkolu prorporzjonali

s-somma li ghandha tithallas bhala kumpens ghandu jkun dak mitlub f'dan l-avviz.

Jinghad ghal kull buon fini li l-valur ta' trasferiment gie accettat bhala rejali mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-intimati gew notifikati kif titlob il-ligi.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato Laferla u l-AIC Joseph Jaccarini.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li stmaw l-art fl-ammont ta' hamest elef, sitt mija u erbgha u disghin lira (Lm5,694) wara li ghamlu l-kalkoli taghhom li kwazi hu l-ammont li talbu l-intimati (sitt elef lira Maltija), liema relazzjoni ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Ghalhekk jilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors u jordna favur ir-rikorrent it-trasferiment b'xiri assolut ta' bicca art f'Hal Far, limiti B'Bugia ta' kejl ta' cirka erba' mija tmienja u tletin metri kwadri (438mk), li tmiss mit-tramuntana u mill-lvant ma' proprjeta' tal-Gvern u mill-punent ma' proprjeta' ta' Debono Enterprises Ltd,. bhala libera u franka skond pjanta mehmuza mal-Avviz tal-Ftehim bil-prezz ta' hamest elef sitt mija u erbgha u disghin lira Maltija (Lm5,694).

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew in-nutar li jkun qed jaghmilha minnfloku biex jippubblika l-att fl-14 ta' Jannar,2005 fid-9:30a.m. fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lil Dottor Vincent Galea biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci. L-ispejjez ta' din il-procedura u tal-pubblikazzjoni ta' l-att ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------